MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

# 7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 14

It-Tlieta 18 ta' Diċembru 2018

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1 Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, il-Kalkara fl-4 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Paul Bongailas - Kunsillier
Maria Sultana- Kunsilliera
Vince Bongailas - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**Ma kienx hemm**

**ASSENTI**

***Ma Kienx hemm***

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Elaine Caruana – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Speranza Chircop ippresjediet il-laqgħa.

14.1 **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

***Ma kienx hemm***

14.2 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

14.2.1 Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f 'Novembru 2018.

Il-Minuti ġew moqrija w approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsilliera is-Sinjura Maria Sultana

14.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku : Punti mis-seduta preċedenti ( Seduta 13)**

A1

(Punt 13.3.B13 mis-seduta preċedenti )Is-Seg Eżek spjegat il-Kunsill hija jija ma tistax tagħmel arranġamenti mad-dipartiment ( jekk ikun possibli dejjem) umbaghad il-Kunsill jiddeċiedi li mhux ser ikun parteċipi minn din l-attivita' ħabba raġunijiet ovji. Hija spjegat ukoll illi kienet kellmet is-Sur Duncan Brincat wieħed mill-membri tal-assoċjazzjoni fejn huwa stess saħaq illi qabel il-Kunsill ma jieħu deċiżjoni konkreta jekk hux ser jagħti sehmu waqt din l-attivita' inutli tiġi skedata laqgħa formali.

Il-Kunsill għal darb'oħra iddeċieda illi sa ma jkollna risposta formali mid-dipartiment wieħed ma jistax jieħu deċiżjoni. Fuq nota oħra l-Kunsill saħaq illi fid-data li qed tiġi proposta din l-attivita' ser ikun hemm l-elezzjonjiet tal-kunsilli u mhux waħda ideali għal membri li huma interessati li jerġgħu joħorġu.

A2

( Punt 13.3.B6 mis-seduta preċedenti) Is-Seg Eżek ikkonfermat mall-Kunsill illi l-laqgħa informali ma sid ħanut partikolari fil-lokal tista' iseħħ filgħodu magħha f'isem il-Kunsill kollu minflok tissejjaħ laqgħa filgħaxija mal-Kunsill kollu.
Il-Kunsill tagħha permess lis-Seg. tagħmel dan.

A3 (Punt 13.3.D mis-seduta preċedenti) Is-Sinjura Speranza Chircop reġgħet qajjmet dan il-punt minħabba l-fatt illi fl-aħħar seduta ma kienx hemm biżżejjed membri preżenti biex tittieħed deċiżjoni finali fuq bank li xtaqet tisponserja hi personali fil-lokal tal-Kalkara.

Is-Sinjura Sultana saħħqet illi hi ma kellha l-ebda oġġezzjoni dwar dan u saħħqet ukoll illi fl-aħħar seduta ma ħassietx komda tieħu deċiżjoni minn fuq it-telefon dan wara li s-sinjura Sindku ċemplitilha fuq dan ir-rigward.

Finalment it-tweħħil ta' bank fl-inħawi ta' Santu Rokku sponsorjat mill-istess Sindku tal-preżent għadda bi 3 voti favur.

14.3 B - Korrespondenza

B1 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill illi l-Kunsill tal-Kalkara ġie mogħti 15,000-il elf ewro wara li l-istess Kunsill kien applika għal fondi speċjali biex ikollna aktar wifi zones fil-lokal.

Is-Sur Bruno saħaq illi tajjeb li wieħed iżomm f'moħħi illi la darba jibdew jiġu imweħħlin il-punti tal-wifi ma jitwaħħlux fil-konfini tal-lokal minħabba raġunijiet ovji u l-iktar l-iktar biex il-qalba tal-lokal tkun kemm jista' jkun koperta b'wifi b'xejn lir-residenti.

B2 Il-kunsill qabel unanimament illi ma tintbgħatx talba formali ( wara li daħal suġġeriment il-Kunsill )biex jitpinġew linji u parkeġġi n-naħa ta' San Leonardu dan il-għaliex ir-residenti tal-akwata hekk kif inhi s-sitwazzjoni idaħħlu karozza bejn garaxx u ieħor, pero bil-liġi 'parking bay' ma toqgħodx. Il-Kunsill iddeċieda illi la darba l-maġġoranza tan-nies tal-inħawi huma kuntenti kif inhuma wieħed għandu jħalli kollox kif inhu.

B3 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar email li rċieva l-Kunsill mingħand resident li joqgħod fl-inħawi ta' San Leonardo urtat ta' veru wara li skond il-fehma tiegħu l-Kunsill ma tax kasu biex jitpinġew linji sofor man-naħa tal-ħajt taċ-ċimiterju.

Il-Kunsill saħaq illi mhux talli mhux veru li ma tax kasu imma l-linji ġew approvati minn Transport Malta , ġew impinġijien mill-Kunsill bħas-soltu u wara ftit jiem l-istess awtorita' talbet lill-Kunsill ineħħi l-linji s-sofor li primarjament kienu ġew approvati minnhom stess. Il-Kunsill qabel illi l-dan ir-raġel tajjeb li wieħed jispjegalu eżatt is-sitwazzjoni x'kienet.

B4 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar ilment li irċeviet mingħand persuna li toqgħod fl-inħawi ta' Santu Rokku dan wara li fl-uffiċini tal-Kunsill kienu ilhom jidħlu lmenti fuq din il-persuna illi kienet qed tħalli tank barra l-għatba tagħha marbut b'katina biex il-boroż tal-iskart jintefaw ġo fih. L-ilmenti kollha ġew irrapurtati l-pulizija bħal dejjem u l-istess pulizija kellmu bil-kelma t-tajba l-din il-perusna illi kienet qed tibgħat dan l-ilment permezz ta' email. Hija spjegat illi minħabba raġunijiet ta' ħafna safar bejnha u bejn ir-raġel hija ma tistax tħalli skart ġewwa. Fil-fehma tagħha dan it-tank m'għandu għalfejn idejjaq il-ħadd u li l-kuntrattur faċilment jiġbor il-boroż minn ġo fih.

Wara diskussjoni bejn il-Kunsill waqt din is-seduta l-istess Kunsill saħaq illi estetikament it-tank m'huwiex wieħed ideali. Fuq nota oħra intqal ukoll illi r-raġunijiet ta' ħafna safar ta' din il-familja m'hijiex problema tal-Kunsill u b'hekk din il-persuna tista' tmur tarmi l-iskart li jkollha ġo l-iskips provduti mill-istess Kunsill madwar il-lokal. Ukoll l-istess Kunsill saħaq illi jekk din il-persuna għandha faċilita' ta' ġardina tista' faċilment toħorġu hemmhekk sakemm tkun komda li toħorġu skond il-ġbir skedat fil-Kalkara stess.

B5. Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop spjegat is-sitwazzjoni ta' railing li kien inqala' fl-inħawi ta' Triq San Mikiel dan wara li resident f'din l-akkwata kien għadu għaddej bix-xogħolijiet fil-proprjeta privata tiegħu. Dan l-istess railing prova jitwaħħal bħala sens ta' sigurta' kif dejjem kien hemm f'dawn l-aħħar snin fejn kien primarjament mill-ħaddiema ta' manutenzjoni tal-Kunsill, pero l-istess ħaddiema saħħqu illi tant hemm il-blat mikul illi mpossibli li wieħed itaqqab u jwaħħal ħabba raġunijiet ovji. Fuq din is-sitwazzjoni persuna toqgħod fl-akwata uriet id-dispjaċir tagħha permezz ta' email li l-Kunsill ma ħax din is-sitwazzjoni serjament u sal-preżent in-nies li jgħaddu mit-taraġ ta' Triq San Mikiel m'għandhom imkien fejn iserrħu

Il-Kunsill qabel unanimament illi għandu jitwaħħal railing fin-nofs tat-taraġ biex jiġi irriplejsjat ir-railing li kien hemm fil-ġenb ħabba raġunijiet ta' saħħa u sigurta.

B6 Is-Seg Eżek ippreżentat u qrat ittra formali li ntbgħatet minn naħa tas-Sur Franky Chircop għal darboħra rigward il-momentum li hu kien issuġġerixxa li jsir. Huwa talab kjarifiki konkreti minn naħa tac-chairperson ta' Jum il-Kalkara għax skond il-fehma tiegħu l-ittra li rċieva iffirmati mis-Seg Eżek ma kientx waħda sodisfaċenti għalih.

Is-Sur Bongailas baqa' jisħaq illi dak li kellu jintqal lis-Sur Chircop intqal f'dettal b'ittra li intbgħatet lilu aktar kmieni fix-xahar ta' Novembru kif ukoll hu m'huwiex f'pożizzjoni li jsemmi ismijiet konkreti minħabba raġunijiet ta' data protection hekk skond kif tgħid il-liġi.

C. Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar talba għal lampa ġdida ġewwa Triq is-Salvatur minn persuna anzjana li fil-preżent qed ikollha tidħol id-dar fid-dlam.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li titweħħel lampa la darba isir kollox bil-proċeduri kif suppost.

D. Is-Sinjura Sindku xtaqet tgħaddi xi kummenti tagħha rigward Jum il-Kalkara 2018 li din l-attivita saret aktar kmieni fix-xahar ta' Diċembru. Is-Sur Bongailas saħaq illi dan il-punt għandu jiġi diskuss meta jkun imiss lilu jitkellem fost il- punti li diġa' kien tagħha biex jiġu diskussi. Is-Sinjura Chircop baqgħet tisħaq illi dan l-argument jista' faċilment jiġi diskuss f'dan il-mument waqt din is- seduta għax fil-verita' ma tamilx xi differenza.

Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop tgħat il-proset u rringrazzjat personalment lis-Sur Bongailas bħala chairperson waqt Jum il-Kalkara tal-organizzazzjoni kif ukoll kordinament tal-istess serata.

Żiedet tgħid ukoll xi punti kif imsemmi hawn isfel:

- Il-preżentatur ħaqqu kien Kalkariz u mhux persuna minn barra l-lokal

- Tajjeb li għal darboħra s-sotto kumitat ikun jaf b'kollox x'qiegħed jiġri għaliex xi membri tal-istess sotto kumitat infurmaw lis-Sinjura Sindku li huma ma kienux jafu b'ċertu tibdil li sar.

- In-nominazzjonijiet fil-fehma tal-istess Sinjura Sindku għandhom jiġu murija lill-Kunsill biex wieħed ikun trasperenti kemm jista' jkun f'din il-materja. Ma fiha xejn ħażin illi wieħed ikun jaf min innomina l-min biex jieħu ġieħ / jew unur fil-verita'

Is-Sur Pawlu Bongailas wieġeb għal dak li qalet is-Sinjura Sindku fejn spjega dawn il-punti:

- Il-preżentatur kien ser ikun mil-lokal imma fl-aħħar sekonda minħabba raġunijiet personali ma setax ikun preżenti u ma setax jagħmel mod ieħor ħlief li jitlob pjacir il-sieħbu li joqgħod barra mil-lokal biex il-loġistika tal-programm ta' Jum il-Kalkara ma jinħeliex fuq il-kwistjoni tal-preżentatur. Fl-istess ħin is-Sur Bongailas qabel mas-Sinjura Chircop li l-ideal il-preżentatur ikun wieħed mil-lokal

- Is-Sur Bongailas saħaq ukoll illi l-Kunsill kien infurmat b'kollox fir-rigward tan-nominazzjonijiet dan waqt laqgħa informali li saret il-Kunsill bejn il-kunsilliera fejn is-Sinjura Sindku ma kinitx preżenti għax kellha impenji oħra.Is-Sur Bongailas saħaq ukoll illi s-sotto kumitat ma kienx jaf bid-deċiżjonijiet kollha għaliex vera hu ma kienx qallhom pero d-deċiżjoni tal-Kunsill tieħu preċedent fuq dak li jgħid is-sotto kumitat fejn waqt din l-istess laqgħa informali l-Kunsill tagħha widen nominazzjoni li daħlet lill-Kunsill u li s-sotto kumitat kien injora minħabba raġunijiet varji.

Is-Sur Bongailas skuża ruħu illi bla fini ta xejn nesa jinforma lis-sotto kumitat b'xi tibdil li kien hemm fin-nominazzjonijiet.

E. Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar materja li kienet qed tinkwieta fuqha dan wara illi ġie għal widnejha xejn bil-miktub u konkret illi l-kura primarja kienu qed jaħdmu mal-paroċċa tal-lokal biex il-berġa titrasferixxi ruħha fiċ-ċentru parrokjali fix-Xatt tal-Kalkara. Hija saħħqet ukoll illi fil-verita' hija trid illi l-berġa tkun isbaħ u ikbar biex ir-residenti ikunu moqdijin tajjeb ħafna u iktar milli kif qiegħedin moqdijin fil-preżent.

Is-Seg Eżek żiedet tgħid illi fil-fehma tagħha u bir-rispett kollhu lejn kulħadd in-nies li jmorru jinqdew mill-berġa tal-lokal kulħadd il-Josette jrid u l-ebda kunsillier jew il-kappillan jew lilha. In-nies fil-verita' jafdaw ħafna f'Josette li kulħadd jaf kemm hi persuna bieżla mal-anzjani tal-istess lokal. Fl-istess ħin is-Seg Eżek għamlet enfażi illi jekk dawn l-għajdud huma vera Josette m'hijiex ser tiġi trasferita x-Xatt bl-ebda mod ħabba raġunijiet ovji.

Fuq nota oħra s-Sur Viċi Sindku Chris Bruno saħaq illi l-berġa trid tiġi iċċentralizzata u mhux mehuda x-Xatt tal-Kalkara fejn l-anzjani li joqgħodu n-naħa ta' fuq tal-Kalkara għandhom ġibda mhux ħażin. Fuq nota oħra huwa saħaq illi fil-fehma tiegħu l-Kunsill m'għandux iċedi l-berġa faċilment dan il-għaliex il-berġa hija l-fundament tal-Kunsill Lokali Kalkara. Is-Sur Vince

Bongailas kif ukoll is-Sur Bruno qabblu illi la darba dawn l-għajdud huma veri l-kura primarja għandha tieħu l-berġa f'idha mill-bidu sal-aħħar inkluż il-kirja tal-istess sit.

## 14.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

A Il-Viċi Sindku- Christopher Bruno

A1 Is-Sur Bruno qal li dan il-punt imsemmi fl-aġenda diġa ġie diskuss aktar kmieni f'din is-seduta u ma kellux aktar x'iżid

A2 Is-Sur Bruno talab lis-Seg jekk tistax tikkordina flimkien mas-Sinjura Maria Sultana xi sezzjonijiet edukattivi li jsiru l-iskola minn naħa tal-Wasteserv rigward wieħed kif għandu jissepera l-iskart għaliex fil-fehma tiegħu għandna nibdew mill-ġenerazzjonijiet żgħar fejn huma stess ikunu qiegħedin jgħallmu lilna l-kbar fuq materji varji.

Fuq nota oħra s-sindku infurmat il-Kunsill illi għal bidu tas-sena 2019 ser ikunu qiegħedin jitqassmu l-bins l-oħra li ħafna nies raw fuq il-midja soċjali minn ġewwa l-Kalkara ukoll dan wara li hi kienet qed tikkordina mal-kumpanija involuta

14.4.B Il-Kunsilliera – Maria Sultana

B1 Is-Sinjura Sultana b'enfazi kbir saħħqet illi huwa ta' dispjaċir u tal-mistħija tgħid illi l-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart kif ukoll kuntrattur li huwa responsabbli mill-indafa fil-lokal ma kienx qed jagħmel xogħolu sew dan wara ħafna lmenti li hija personali qed tirċievi kif ukoll episodji li ġġarab hi ta' kuljum mill-istess kuntrattur fejn il-Kunsill qed jiġi injorat u imwaqqa' għaż-żuffjet mar-residenti minħabba l-inkompetenza tal-istess kuntrattur. Hija qed tħossa purċinella ( il-kelma eżatt li użat is-Sinjura Sultana waqt is-seduta) li saħansitra kellha toqgħod tistenna t-trakk tal-iskart biex tgħidlu li ħalla l-boroż f'ċertu inħawi għax ma felħitx tisma aktar tgergir.

Is-Seg Eżek saħħqet illi bl-għajjat u bl-istorbju wieħed m'hu ser jirranġa xejn u li għalija huwa aħjar jekk tinħareġ 'default notice' lill-kuntrattur għaliex inqas 'hassle' għaliha milli kull darba tieħu l-ilmenti u toqgħod iċċempel lill-

kuntrattur anke f'ħinijiet mhux uffiċjali wara t-8:00 ta' filgħaxija fejn dak suppost ikun il-ħin tal-mistrieħ tagħha, pero wieħed għandu jżomm f'moħħu t-tajjeb ukoll li l-istess kuntrattur qiegħed jagħmel bħal ngħidu aħna jiġbor l-iskart tal-iskola, tal-ħwienet ta' esplora tal-forti rinella u ħafna oħrajn fejn qiegħed imur kontra l-liġi biex jaqdi l-Kunsill abbażi tar-rikjesti tal-istess Kunsill.

Is-Sur Vince Bongailas saħaq illi ħadd m'hu perfett u tajjeb li wieħed jiltaqa' madwar mejda ma dan il-kuntrattur u jiġu diskussi affarijiet biex wieħed itejjeb is-sitwazzjoni fil-preżent tal-lokal fejn tidħol l-indafa.

Fuq nota oħra s-Seg Eżek qalet illi f'xi imdaqqiet hi tħossa qed tiġġennen dan meta s-Sur Bongailas huwa xhud ukoll tal-feedback tal-green wardens kif ukoll uffiċjal mill-Wasteserv fejn għal darbtejn ikkonfermaw illi l-kuntrattur qed jagħmel xogħolu sew dan wara li kienu qiegħdin għassa tiegħu.

Is-Sur Bruno saħaq illi l-kuntratt il-ġdid li ser jingħata fuq il-ġbir taż-żibel tajjeb li fit-tender jinkiteb ċar u tond illi l-kuntrattur għandu jkollu project manager stess illi jara li l-affarijiet mixjin kif suppost skond il-liġi u kif ikun hemm stipulat fl-istess tender li jinħareġ mill-kunsill.

Il-Kunsill iddeċieda illi għanda tiġi skedata laqgħa mal-kuntrattur kif ukoll tinħareġ warning mill-istesss kuntrattur bħala twissija.

B2 Is-Sinjura Sultana saħħqet illi l-permessi għal kostruzzjoni li qed jiġu maħruġa mill-Kunsill tajjeb li wieħed jieħu ħsieb jara li min ikun qed jaħdem ikollu l-affarijiet kif suppost u kif tgħid il-liġi. Hija ġabet eżempji ċari ta' Triq is-Sibi fejn il-construction sites huma bla dawl, il-'hoarding' magħmul ta' kaf kaf. 'Hoarding' ieħor ġo Triq Rnella qed jinqala fost ħafna siti oħra li hija b'għajnejha tara kif tkun miexja.

Is-Sur Chris Bruno saħaq illi dawn l-affarijiet kollha li semmiet is-Sinjura Sultana għandom jiġu irrapurtati lil OHSE peress li din l-awtorita' hija l-'enforcing body' fuq kwistjonijiet simili.

Fuq nota oħra s-Seg Eżek saħħqet illi l-Kunsill m'għandux man power biex jibgħat infurzar fuq kull permess li jinħareġ. Meta hija jkolla xi lment tibgħat il-pulizija biex bil-għajnuna tagħhom intejbu l-ambjent li jkun hemm ħażin fil-verita'.

Is-Sur Vince Bongailas saħaq illi hu ser ikun qed ikellem ukoll il-Perit Borda li ħadem fil-proġett tal-grawnd tal-futbol għaliex għad hemm 'hoarding' perikoluż fi Triq Missjoni Taljana li tħalla f'din il-kundizzjoni għal xhur twal

issa.

B3 Is-Sinjura Sultana irringrazzjat formalment lil:

Pulizija ta' traffiku li akkumpanjaw it-tfal waqt mixja li hi stess organizzat.

Lis-Seg Eżek tal-kordinamment tagħha għal dak kollu li kellha bżonn.

Kif ukoll lis-Sur Pawlu Bongailas tas-serata ta' Jum il-Kalkara għaliex fil-fehma tagħha kien show differenti li n-nies żgur illi ħassew differenza u ħadu pjaċir ħafna anka skond il-kummenti pożittivi li hi semgħet waqt l-istess serata.

B4 Is-Sinjura Sultana semmiet il-course tal-crafts li ser ikun qed jiġi 'mtella l-iskola minn naħa tad-direttorat taċ-ċiniżi fejn fil-fehma tagħha huwa ġest sabiħ ħafna pero saħħqet ukoll illi s-Sinjura Sindku setgħet tikkordina magħha dan minħabba l-fatt illi hi hija l-persuna responsabbli minn edukazzjoni u ħassieta umiljata illi meta l-madam tal-iskola semmietilha dan il-kors hija ma kienet taf b'xejn.

Is-Sinjura Chircop skużat ruħha li ma infurmatiex imma l-kwistjoni kienet waħda mgħaġġla fejn hi għażlet li ċċempel dirett il-madam biex tmexxi fil-loġistika u tagħti tweġiba lid-direttorat stess li ser ikun qed jagħti l-kors.

B5 Is-Sinjura Maria sultana saħħqet illi mhux sewwa illi awtorita' bħal Wasteserv tibgħat karti lir-residenti tal-Kalkara u tuża l-logo tal-istess lokal dan wara li n-notifika li intbgħatet fiha żball sinifikanti kif ukoll il-Kunsill ma ġiex mgħarraf minn qabel li ser jintbgħatu dawn l-ittri.

Is-Seg Eżek spjegat illi veru li l-Kunsill ma kienx jaf għaliex hija saret taf b'kumbinazzjoni kif ukoll diġa' kienet kellmet lill-Wasteserv rigward l-iżball fil- ħin li kien hemm imniżżel f'din l-istess notifika.

14.4C Il-Kunsillier- Paul Bongailas

C1 Is-Sur Pawlu Bongailas spjega l-fatt illi l-leaflet ta' Waqt Jum il-Kalkara li s-soltu jitqassmu fis-sala din is-sena ġew preparati bħas-soltu pero minħabba l-fatt illi kien hemm xi tibdil minn naħa tal-kummisjoni tas-Sagra fl-aħħar minuta huwa ma setax jirranġa u jerġa' jipprintja dak l-ammont ta' karti. Huwa saħaq mal-Kunsill illi kien jinsab iddispjaċut u urtat li s-Sibt stess fil-ġurnata tas-serata minħabba dan l-istess tibdil u t-tensjoni li kellu fuqu iġġieled ġlieda mas-Seg Eżek fuq il-mobile bla ebda raġuni u li ta' dan jiskuża ruħu formalment waqt din is-seduta.

Huwa saħaq ukoll illi bħala chairperson ta' din is-serata għandu jkun hu li jieħu d-deċiżjonijiet finali u mhux is-sindku bla ebda disrispett kif ġara fil-każ tal-Ministru Owen Bonnici. Huwa saħaq ukoll illi ser ikellem lis-soċjeta' personali għaliex l-affarijiet kif inħadmu miegħu ma kienux professjonali u li ċerti affarijiet ma jmorrux kif marru.

Is-Sindku spjegat illi hi ma ħadet l-ebda deċizjoni f'ismu pero veru li ċemplula.

Is-Sur Vince Bongailas tagħha l-proset tiegħu lis-Sur Bongailas kif ukoll lis-Seg Eżek tal-kordinament u paċenzja li ħadu biex din is-serata tittella' bħal kull sena.

Is-Sindku saħħqet illi l-Kunsill tajjeb li jagħmel budget għal din is-serata għax kull sena qed jiġi minfuqa dejjem aktar flus milli stipulat, dan wara li s-Seg Eżek ma kienet kuntenta xejn bl-ammont ta' rehearsals li għamlu li hi ma kinitx infurmata bihom u l-ammont ta' overtime li l-Kunsill kellu jħallas biex dan iseħħ.

Is-Sinjura Sultana qalet illi r-rehearsal għandhom isiru fil-każini rispettivi tal-banda imbagħad almenu rehearsal waħda issir l-iskola.

C2 Is-Sur Bongailas tagħha t-tifħir tiegħu lill-grupp ta' żagħżagħ mill-lokal li fix-xahar ta' Novembru flimkien miegħu telgħu Spanja jirrappreżentaw il-Malta waqt proġett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropeja. Huwa qal li dan il-grupp kien wieħed ferm edukat li ħadem biex Malta tkun minn ta' quddiem fejn kien hemm lwog li jagħtu l-fehmiet tagħhom fid-diskussjonijiet imtellgħin mill-'lead partner' ġo Spanja stess. Kienet esperjenza ferm interessanti.

C3 Is-Sur Bongailas saħaq illi l-fuljett tal-aħħar li tqassam kien l-aħħar wieħed li huwa ikkoordina dan minħabba l-fatt illi fih ħafna xogħol u membri tal-Kunsill stess ma jikkoperawx biex jibgħatu biċċa kitba fid-dati stipulati.

Is-Sinjura Sindku qalet illi mhux fair fuq Pawlu li jkun qed jipprova jgħaqqad fuljett bħal dak u jkun hemm min ma jagħtix is-sehem tiegħu.

Is-Sur Bruno qal lil Pawlu illi fil-fehma tiegħu għandu jitħalla barra dak il-persuna li ma jkunx żamm mad-dati biex b'hekk ix-xogħol jibqa' miexi u jiġi ipprintjat f'dati komdi għal ħaddiema tal-Kunsill li iqassmuwhom huma fi-l lokal kollhu.

C4. Is-Sur Bongailas qal li dan il-punt imsemmi fl-agenda diġa ġie diskuss aktar kmieni f'din is seduta u ma kellux aktar xi jżid

14.4D Il-Kunsillier- Vince Bongailas

D1 Is-Sur Vince Bongailas saħaq illi jrid jitella' ċint proviżorju n-naħa ta' Triq Marina dan wara illi l-Ministru tal-infrastruttura għamel biċċa xogħol kif imiss il-liġi u neħħa l-periklu li kien hemm. Huwa saħaq illi ser ikun qed isegwi l-każ mad-DG tal-istess direttorat biex dan iċ-ċint jitella' llum qabel għada.
D2 Is-Sur Vince Bongailas talab formalment il-Kunsill jappoġġjah fuq petizzjoni li huwa ħa ħsieb li jiġbor mir-residenti tal-lokal bħala resident urtat u mhux bħala kunsillier fuq il-fatt ta' riħa ta' żejt li ġejja minn naħa ta' Rinella. Din hija problema tal-Kalkara li għal dawn l-aħħar snin xeba wieħed jirraporta mingħajr ma sar xejn. Huwa qal ukoll illi l-petizzjoni hija diġa' qeda fi stat avvanzat dan wara li kien hu stess li tellagħha fil-parlament.

Is-Sur Paul Bongailas saħaq illi messu dar kullimkien mal-Kalkara inkluż jiġbor il-firem tal-kunsilliera kollha għaliex f'din hija problema ta' kulħadd.

Is-Sur Vince Bongailas baqa' jgħid illi s-sitwazzjoni hija waħda bikrija u mingħajr ma nafu qiegħedin nieħdu ġo fina nifsijiet ħżiena ferm għas-saħħa tagħna.

Il-Kunsill qabel unanimament li għandu jappoġġja bi sħiħ din il-kwistjoni spjegata hawn fuq li qed jieħu ħsieb is-Sur Vince Bongailas stess.

D3 Is-Sur Vince Bongailas saħaq illi hawn bżonn ta' iktar infurzar fil-lokal speċjalment fuq karozzi bi pjanċi barranin li qed jokkupaw parkeġġi fil-vojt lir-residenti Kalkariżi.

D4 Is-Sur Vince Bongailas staqsa jekk il-kop li kien inxtara minn naħa tal-Kunsill biex jitnaddaf in-naħa tax-Xatt fejn il-bandli huwiex jintuża għaliex ikun hemm ċertu ġranet fejn jidħol ammont sostanzjali ta' ħmieġ li jkerrah l-ambjent fl-inħawi tal-promenade.

D5 Is-Sur Vince Bongailas informa l-Kunsill illi din is-sena b'mod volontarju kien qiegħed jitrenja ż-żagħżagħ tal-Kalkara għar-regatta dan wara li avviċinawh huma stess biex ikollhom gwida minn naħa tiegħu fejn jidħol eżerċizzju fiżiku.

Il-Kunsill ikkumplimenta l-Vince għal dan il-ġest nobbli.

## 14.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

14.5.1 Il-pagamenti kollha innutati fuq l-iskeda ta' pagamenti 13.18 ippreżentata mis-Seg.Eżek. ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera waqt din is-Seduta.

## 14.6 Mozzjonijiet

Ma kienx hemm

## 14.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

14.7.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata unanimament mill-Kunsilliera għal nhar il Hamis 17 ta' Jannar 2019 fil 4:00 p.m. u spiċċat fis 6:30 Ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta 18 ta' Dicembru 2018

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Speranza Chircop<br>Sindku | Elaine Caruana<br>Segretarju Eżekuttiv |